MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 84/2010

**App. Nru. 84/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Calleja talli waqt spezzjoni sorpriza li sehhet nhar-it Tnejn, 22 ta’ Gunju 2009, f’Mixel Boutique, Triq l-Isqof Labini, Birkirkara, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, u/jew kien qed jaghmel uzu minn basktijiet li ma jikkonformawx ma’ l-obbligazzjonijiet elenkati fir-Raba’ Skeda ta’ l-Att dwar l-Eko kontribuzzjoni, u cioe` li kienu mankanti mid-dettalji li kellhom ikollhom stampati fuqhom, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 16(1) u 9B ta’ l-imsemmi Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 16(1) u 9B ta’ l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473 tal-Ligijiet ta’ Malta) sabet lill-imsemmi Paul Calleja hati u kkundannatu multa ta’ elf euro (€1000);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Paul Calleja pprezentat fit-3 ta’ Marzu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata *in toto* u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-prosekuzzjoni stess iddikjarat quddiem l-ewwel Qorti illi kien taf bil-perijodu tranzitorju miftiehem bejn il-GRTU, il-Ministeru tal-Finanzi u d-Dipartiment tal-VAT li fih il-membri tal-GRTU setghu jzommu ammont zghir ta’ basktijiet fil-hanut ghall-qadi tal-klijentela sakemm jaslu l-basktijiet konformi mal-ligi; (2) li l-ispezzjoni li saret f’dan il-kaz sehhet f’perijodu ta’ anqs minn erba’ xhur wara li dahlet fis-sehh il-ligi; (3) li minhabba dewmien fil-konsenja tal-basktijiet godda, l-appellant kellu jirrikorri ghal basktijiet tal-karta stante li l-ammont zghir ta’ basktijiet li kien zamm ghall-uzu waqt il-perijodu tranzitorju kien spicca; (4) li nonostante dan kollu gie spjegat lill-ewwel Qorti hija xorta sabet htija; (5) li l-appellant kien qieghed isegwi struzzjonijiet moghtija mill-GRTU, u ghalhekk huwa nstab hati ngustament wara li l-Kummissarju tal-VAT ghazel li jenforza d-disposizzjonijiet dwar l-Impozizzjoni ta’ Eko-kontribuzzjoni fuq Basktijiet tal-Plastik bi ksur tal-ftehim milhuq; (6) li l-proceduri mehuda kontra tieghu jiksru d-drittijiet tieghu naxxenti mill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Il-fatti ta’ dan il-kaz huma semplici. Fit-22 ta’ Gunju 2009 saret spezzjoni fil-hanut ta’ l-appellant Michelle Boutique fi Triq l-Isqof Labini, Birkirkara, u nstabu hemm numru ta’ basktijiet tal-plastik li ma kinux konformi ma’ dak li jiddisponi l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473 tal-Ligijiet ta’ Malta). L-artikolu 9B tal-Kap. 473 jipprovdi: **“Kull persuna fil-kors ta’ attività ekonomika li, filwaqt li tkun qed tigi spezzjonata mill-awtorità kompetenti jew minn xi persuna appuntata minnha ghal dan l-ghan skond l-artikolu 25 - (a) ikollha fil-pussess taghha basktijiet tal-plastik, digà mqieghda fis-suq f’Malta, li ma jkunux konformi ma’ l-obbligi elenkati fir-Raba’ Skeda; jew (b) tonqos li tottempera ruhha ma’ xi obbligu iehor elenkat fir-Raba’ Skeda, tkun hatja ta’ reat u tehel, jekk tinsab hatja, multa ta’ mhux anqas minn elf euro (€1,000).”** M’hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li l-basktijiet in kwistjoni ma kinux konformi mal-ligi. Skond l-appellant, pero`, il-basktijiet kienu fil-pussess tieghu peress illi dawk konformi mal-ligi kienu ordnati u kienu ghadhom ma gewx konsenjati lilu, u kien hemm ftehim bejn il-GRTU, il-Ministeru tal-Finanzi u d-Dipartiment tal-VAT li ghal perijodu tranzitorju seta’ jintuza ammont zghir ta’ basktijiet li tal-hwienet kellhom minn konsenji antiki.

Joe Attard xehed li jiehu hsieb *issues* ambjentali fejn tidhol il-GRTU. Huwa spjega l-problemi li kienu qeghdin jiltaqghu maghhom hwienet zghar biex jordnaw *stocks* zghar ta’ basktijiet konformi mal-ligi, u kif kien intlahaq ftehim biex “dawk il-hwienet li jkollhom dawk il-ftit biex jghaddu bihom ghal perijodu, dawk ma kienx ser ikun hemm pressjoni fuqhom la darba imma jkollok ordni konfermata ta’ *supplier*.”

Id-disposizzjonijiet fil-Kap. 473 li jirrigwardaw il-basktijiet tal-plastik gew introdotti permezz ta’ l-Att Numru II ta’ l-2009 intitolat **Att biex jimplimenta Mizuri ta’ l-Estimi Finanzjarji ghall-2009 u mizuri amministrattivi ohra.** Permezz tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 59 ta’ dak l-Att, id-disposizzjoniiet rilevanti kellhom jidhlu fis-sehh fl-1 ta’ Marzu 2009. Issa, id-diskussjonijiet li rrefera ghalihom Joe Attard saru f’Marzu u April 2009. Huwa qal illi ghalkemm

fuq il-karta l-ligi kellha tigi fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2009, "kien hemm qbil li jkun hemm perijodu ragjonevoli fejn wiehed ikun jista' jigi *in line* ma' din il-ligi. Inti ma tistax tqum l-ghada filghodu u tghidlu isma'… Ma kienx hemm stipulat ghas-semplici raguni li konna nafu li kien hemm min ha jsolviha mal-ewwel … imma jekk jiena hanut zghir go rahal zgur li ha nsib problema biex nikkonforma mal-ligi immedjatament."

Paul Scicluna, spettur fid-Dipartiment tal-VAT, xehed illi fil-fatt kienet harget stqarrija mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni fis-sens illi l-infurzar tal-ligi kien se jibda fl-1 ta' Mejju 2009. Fil-kaz in ezami l-ispezzjoni saret fit-22 ta' Gunju 2009, seba' gimghat u hamest ijiem wara. Jirrizulta li l-appellant kien ghamel l-ordni tieghu fl-14 ta' April 2009 disa' gimghat u tlett ijiem qabel l-ispezzjoni.

Mela hawn ghandna sitwazzjoni fejn id-disposizzjonijet tal-ligi rilevanti kienu gew fis-sehh fl-1 ta' Marzu 2009, saru diskussjonijiet f'Marzu u April u nharget stqarrija li l-ligi kienet se tibda tigi nfurzata fl-1 ta' Mejju 2009, u ma sar l-ebda ftehim dwar x'kellu jkun "iz-zmien ragonevoli" mill-1 ta' Mejju 2009 sabiex tal-hwienet jigu konformi mal-ligi. Il-fatt li l-ispezzjoni saret aktar minn seba' gimghat wara l-1 ta' Mejju 2009 ma jistax jitqies li mhuwiex zmien ragjonevoli, aktar u aktar meta jitqies li l-appellant kien ilu li ordna l-basktijiet mill-14 ta' April 2009. Inoltre mix-xiehda ta' l-appellant ma jirrizultax li ha xi azzjoni biex jassigura ruhu li l-basktijiet jaslulu tempestivament. Konsegwentement l-aggravji dwar il-mertu tal-kaz huma michuda.

L-appellant jilmenta li dawn il-proceduri jiksru d-drittijiet tieghu naxxenti mill-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan l-ilment, pero`, huwa frivolu u vessatorju u ghalhekk, in kwantu jista' jiftiehem bhala talba biex issir riferenzza kostituzzjonali, qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------